MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Appell Kriminali Numru. 73/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Pace**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni kontra Carmel Pace (bin Carmel u Maria nee Aquilina, imwieled fil-25 ta' Dicembru 1961, detentur tal-karta ta' l-identita` nru 67862M) talli b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, fix-xhur ta' Novembru 2008, Dicembru 2008 u Jannar 2009, meta kien hekk ordnat minn xi qorti jew marbut b'kuntratt, naqas milli jaghti lil martu Anna Pace u/jew lil uliedu is-somma hekk iffisata mill-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied, u dan fi zmien hmistax-il jum

minn dak il-jum li fih skond dak l-ordni jew dak il-kuntratt is-somma kellha tithallas;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-15 ta' Frar 2010 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Carmel Pace hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu xahar prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-imsemmi Carmel Pace, minnu ppresentat fit-23 ta' Frar 2010, li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza jew, alternattivament u minghajr pregudizzju, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-18 ta' Mejju 2010; ikkunsidrat:

**5.** Mill-provi mismugha jirrizulta illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili f'Ottubru tal-1995, l-imsemmi Carmel Pace kien gie kkundannat ihallas Lm20 fil-gimgha lil martu bhala manteniment ghaliha u Lm12, ukoll kull gimgha, ghal kull wahda miz-zewg uliedu. Minn dik il-gurnata tas-sentenza 'l quddiem huwa ma hallas lanqas sold. Martu, Anna Pace, ma dehrilhiex li kellha toqghod tigri warajh u minflok ghamlet kif setghet biex trabbi lil uliedhom wahedha, pero` naturalment kellha taqa' fuq il-beneficcji tal-ghajnuna socjali biex tkun tista' tlahhaq. Maz-zmien, pero`, l-awtoritajiet responsabbli minn dawn il-beneficcji insistew li hija kellha tfittex lil zewgha ghal dak minnu dovut lilha, izda dan ma kienx daqstant facli ghax jidher li l-appellant kien ta' spiss ibiddel fejn joqghod.

**6.** L-appellant ghandu tliet aggravji. L-ewwel wiehed hu maghmul jikkonsisti filli galadarba, wara li nqatghet is-sentenza imsemmija tal-1995, martu "qatt ma talbitu ebda flus ghall-manteniment", allura hu ma kienx obbligat li jissomministra dak il-manteniment. Skond l-appellant, martu kienet fl-obbligu li l-ewwel titolbu l-manteniment u, f'kaz li hu ma jaghtihuliex, tipprocedi kontra tieghu kriminalment. Dan l-aggravju hu manifestament infondat.

Kif ripetutament affermat minn din il-Qorti, ir-reat kontemplat fl-Artikolu 338(*z*) tal-Kodici Kriminali[1] huwa reat kontra l-ordni pubbliku, u wiehed li l-pulizija jistghu jipprocedu fir-rigward tieghu *ex officio* u anke minghajr il-kwerela tal-parti leza (ghalkemm bhala fatt, peress li l-koppji li jkunu jinsabu f'din is-sitwazzjoni, ma jkollhomx pulizija erbgha w ghoxrin siegha maghhom, dawn il-proceduri invarjabbilment jibdew bi kwerela tal-parti leza). L-obbligu tal-hlas tal-manteniment johrog direttament mis-sentenza tal-Qorti Civili (jew mill-kuntratt pubbliku, skond il-kaz), u ma hemm assolutament ebda necessita` li min ikun ser jircevi dak il-manteniment joqghod jitolbu jew jigri warajh. L-uniku prerekwizit ghall-procedibbilita` li l-ligi timponi huwa t-trapass ta' hmistax-il jum mid-data li fiha l-manteniment kellu jithallas. Xejn aktar. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**7.** It-tieni aggravju tal-appellant hu fis-sens li fil-periodu ta' Novembru u Dicembru 2008, u Jannar 2009, huwa kien ghadu kif hareg mill-habs "u kien qed ifittex impjieg biex ikun jista' jaqla x'jiekol". Issa, anke li kieku ingiebet prova f'dan is-sens, dan ma kien ibiddel xejn ghall-finijiet tar-responsabbilta` penali. Apparti li l-appellant kien ilu mill-1995 ma jhallas sold lil martu (ghaliha u ghall-ulied taghhom), biex jezimi ruhhu mir-responsabbilta` penali huwa kellu jirrikorri quddiem il-qorti civili kompetenti ghall-fini ta' varjazzjoni tal-obbligu tal-manteniment. Fin-nuqqas li jaghmel hekk u li effettivament jikseb varjazzjoni fl-obbligu tal-manteniment, jew addirittura r-rexxissjoni ta' tali obbligu, huwa ma jistax jilmenta minn xi nuqqas ta' mezzi quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Ghalhekk dana l-aggravju huwa wkoll infondat.

**8.** Fl-ahharnett l-appellant jilmenta li, kuntrarjament ghal dak li jsir quddiem il-Qorti Inferjuri f'kazijiet bhal dawn, hu ma nghatax zmien biex ikun jista' jissalda dak minnu dovut. Dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh. Din il-kawza kellha tinstema' u, suppost, tigi deciza fl-ewwel udjenza, li kienet skedata ghall-5 ta' Gunju 2009. Ghal dik l-udjenza l-appellant, allura imputat, ghalkemm debitament notifikat,

[1] Bhalma huwa wkoll ir-reat kontemplat fil-paragrafu (*ll*) tal-imsemmi Artikolu 338.

baqa’ ma deherx u kellu jinhareg mandat (mhux car mill-verbali jekk hux ta’ arrest jew ta’ skorta) kontra tieghu. Ghas-6 ta’ Lulju 2009, rega’ ma deherx. Meta deher fid-19 ta’ Ottubru 2009, huwa talab differiment. Fit-30 ta’ Ottubru 2009 rega’ ma deherx u kellu jerga’ jinhareg mandat. Fl-ahhar, meta l-kawza bdiet tinstema’ fil-15 ta’ Frar 2010, fil-verbal ta’ dik l-udjenza ma hemm ebda referenza ghal xi talba ghal zmien biex ikun jista’ jhallas. Anke kieku saret formalment talba simili, din kellha tigi michuda peress li kien altru milli evidenti li l-imputat kellu zmien bizzejjed biex ihallas kieku verament ried jaghmel hekk. U anke wara li nghatat is-sentenza ta’ l-ewwel grad (15/2/10) sad-data meta bdiet tinstema’ l-kawza fl-appell (18/5/10) – trapass ta’ tliet xhur – l-appellant baqa’ ma hallas xejn. Evidentement m’ghandux intenzjoni li jhallas. Ghalhekk dana l-aggravju huwa wkoll respint.

**8.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------